**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI GENERALI**

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 18 ta' Frar 2020**

**Rikors guramentat numru 78/2019 BS**

**Stephen Dimech u martu Dolores Dimech għal kull interess li jista' jkollha**

**-vs-**

**Leighton Pisani**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Stephen u Dolores konjugi Dimech illi ppremettew:

1. *Illi nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), waqt li l-attur Stephen Dimech kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Kia Ceres, bin-numru ta' registrazzjoni BBL 439, fi Triq ir-Rabat, Nadur, Għawdex, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura tal-konvenut tal-marka Isuzu NKR, bin-numru ta' registrazzjoni GAO 471.*

2. *Illi dan l-incident awtomobilistiku seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut, minħabba negligenza, traskuragni, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, b'mod partikolari minħabba nuqqas*

*ta' proper lookout min-naha tieghu, meta kien qed jaghmel manuvra azzardata.*

3. *Illi kawza ta' dan l-incident l-attur sofra danni fuq hwejjgu kif ukoll sofra griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu, dan kif ser jigi spjegat ahjar tul is-smiegh ta' din il-kawza.*

4. *Illi allura kawza ta' dan l-incident l-attur sofra diversi danni, konsistenti kemm f'danni ngenti, kif ukoll f'dawk lukri cessanti.*

5. *Illi l-attur jixtieq illi jigi kkompensat ghal dawn id-danni, u minkejja diversi nterpellazzjonijiet, il-konvenut naqas milli jersaq ghal xi likwidazzjoni.*

6. *Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Stephen Dimech, li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.*

*Talbu ghalhekk lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara illi l-incident fuq imsemmi li sehh nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, sehh unikament tord u htija tal-konvenut.*

2. *Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-attur, u dan kemm fir-rigward ta' danni emergenti, kif ukoll lukri cessanti.*

3. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawk id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficcjali spedita f'Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dik spedita kontestwalment lill-kumpanija assikuratrici. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Leighton Pisani illi kkonferma bil-gurament:

1. *Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda ncident awtomobilistiku illi sehh nhar it-12 ta' Settembru 2018 fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, u illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAO 471 misjuqa mill-esponenti Leighton Pisani u assigurata mas-soċjeta' Gasan Mamo Insurance Limited u l-vettura di proprjeta' u misjuqa mill-attur Stephen Dimech bin-numru ta' registrazzjoni BBL 439;*

2. *Illi in linea preliminari, il-konvenut jeccepixxi illi dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' l-proceduri odjerni, u dana stante illi l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju tal-privilegium fori lilu moghti ai termini tal-Artikoli 50, 741(c) u 767 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi in linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghal fuq premess, il-konvenuti jeccepixxu:-*

3. *Illi b'referenza ghall-ewwel talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom in kwantu dina tirrigwarda r-responsabilita' tal-akkadut, l-esponenti jirrileva illi r-responsabilita' tal-akkadut ma hijiex qieghda tigi kkontestata. Ghaldaqstant, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija diga' ezawrita, u l-intimat ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez legali in konnessjoni mal-istess talba;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, kull somma ta' danni pretiza mir-rikorrenti hija kkontestata mill-esponenti, u r-rikorrenti ghandu jressaq l-ahjar prova valida skont il-ligi sabiex jistabilixxi dak illi fil-fatt sofra in linea ta' danni in konnessjoni ma' dan l-incident u li juri li d-danni pretizi minnu huma rizultat esklussiv ta' l-incident mertu tal-kawza u tal-ebda incident precedenti, jew ta' xi pre-existing health condition illi seta' kien qed ibati minnha, jew ta' kwalunkwe cirkostanza ohra;*

5. *Illi fl-ahharnett, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxi illi f'kaz ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, ghandha titnaqqas kull somma ta' beneficcju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diga' ha*

*jew ser jiehu minn sorsi ohrajn – sew pubblici kif ukoll privati – minhabba l-istess incident mertu tal-kawza odjerna;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.*

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet matul l-istess udjenza dwar l-eccezzjoni preliminari fejn il-konvenut zamm ferm din l-eccezzjoni u l-atturi rrimettew ruhhom ghad-decizzjoni ta' dina l-Qorti.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-*privilegium fori.*

**FATTI**

Il-konvenut kien involut f'incident stradali ma' l-atturi nhar it-12 ta' Settembru, 2018. L-incident sehh fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex. L-atturi huma resident Zebbug, Ghawdex filwaqt illi l-konvenut jirrisjedi San Giljan. L-atturi ntavloaw kawza kontra l-konvenut fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali. Il-konvenut qajjem l-eccezzjoni preliminari tal- *privilegium fori*.

**ID-DRITT.**

L-artikoli tal-ligi rilevanti ghad-determinazzjoni tal-eccezzjoni preliminari ta' *Privilegium fori* huma s-segwenti li jinsabu fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u cioe' :

**Artikolu 50** li jipprovdi illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hija kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' kawzi stitwiti kontra

**" ... l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti."**

Imbaghad **Art 741(c)** jipprovdi li :

**"L-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tinghata ... meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari**."

Barra minn dawn l-artikoli precitati hemm ukoll **Art 767** illi jistabbilixxi li:

**"Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta` Malta rigward il-qrati ta` dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta` Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta` dawk il-Gzejjer.".**

In oltre **Art 770** jipprovdi li

"**Il-*privilegium fori* jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari**".

**IKKUNSIDRAT**

L-azzjoni ntavolata mill-attur kontra l-konvenut giet intavolata l-Qorti Ghawdex. Jirrizulta illi l-konvenut jghix Malta u nfatti l-atturi fir-rikors guramentat taghhom stess indikaw l-indirizz tal-konvenut bhala, "Richmond Park Towers", Flat 6, Triq il-Kbira, San Giljan, Malta. Barra minn hekk l-atturi rikorrenti fl-ebda hin ma kkontestaw jew b'xi mod ikkontrastaw il-fatt illi l-indirizz fejn jghix il-konvenut huwa effettivament

San Giljan, Malta. Tant hu hekk illi fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2020, huma rrimettew ruhhom ghad-decizzjoni ta' dina l-Qorti.

L-eccezzjoni tal-*privilegium fori* li tqajmet mill-konvenut *in limine litis* giet trattata mill-Qrati Maltin diversi drabi. Hekk per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw**"[1] il-Qorti kkonkludiet illi:

"*L-artikolu 50 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghal Ghawdex hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza odjerna taghhom fil-gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna. Minn dawn il-provvedimenti u minn artikoli ohra rilevanti fl-istess Kapitolu 12 jirrizulta illi l-kompetenza hi determinata mir-residenza tal-konvenut f`kawza bl-eccezzjoni tal-kaz li l-kawza tkun dwar l-obbligazzjoni li skont il-ftehim relattiv kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari*."

Gie ritenut illi l-*privilegium fori* jiddipartixxi mill-principju li l-attur ghandu jaghmel il-kawza fil-post fejn jinsab l-oggett jew ahjar ir-*res* li dwaru hemm il-kontestazzjoni[2] . Fil-kaz odjern il-konvenut qed iqajjem din l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* ghaliex isostni illi huwa residenti San Giljan, Malta u ghalhekk il-kawza kellha tigi stitwita quddiem il-Qorti Malta.

Irid jinghad ukoll illi l-*privilegium fori* jispicca:-

1. Meta l-ghadd ta' konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu ndaqs (Artikolu 769).

2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skont li l-ftehim tigi esegwita fi Gzira partikolari (Artikolu 770).

3.Meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih (Artikolu 772).

[1] Deciza 20 ta' Mejju, 1994, Appell.
[2] A.F. Ellis Ltd. v Segretarju Permanenti et, Appell, 9 ta' Gunju, 2003

Tenut kont ta' l-artikoli precitati, kif ukoll il-fatt illi minn dak illi jirrizulta lanqas m'hu kontestat li l-konvenut ghandu r-residenza tieghu f'Malta, gialadarba l-*privilegium fori* tqajjem mill-istess konvenut li zamm ferm l-eccezzjoni tieghu, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom normalment japplikaw[3] . Fil-fatt hija l-kwistjoni ta' residenza li fuqu huwa stabbilit l-artikolu 741 (c) tal-Kap 12[4] .

**DECIDE**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u tiddikjara illi l-Qorti kompetenti biex tisma' din il-kawza hi l-Prim Awla tal-Qorti Civili, Malta, u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza u tirrimetti l-atti l-Qorti Malta sabiex jigu assenjati skont il-Ligi.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni riservati ghad-decizjoni finali fuq il-mertu.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

---

[3] Joseph Pace v Dun Anton Scicluna, deciza 23 ta' Frar, 1999, Prim Awla
[4] Joseph Aquilina noe v Richard dei Conti Stagno Navarro, deciza 22 ta' Novembru, 2005, App. Civ.